Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 28– It-Tlieta 2 ta' Mejju 2017**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Bernard Carabott | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

2.0 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa pożittiva ħafna li huwa flimkien mas-Segretarja kellu mad-Direttur Mark Formosa fejn matulha ssemmew diversi proġetti li fihom jista jgħin id-Direttorat tal-Proġetti u l-Iżvilupp fosthom id-*decking* taż-Żewwieqa, irranġar ta' ħajt fit-telgħa ta' Lourdes, tisbieħ fi Triq Borg Għarib, park taħt Chambray, irranġar tal-parkeġġ ħdejn l-ufficini tal-Gozo Channel, irranġar ta' taraġ li jagħti għall-mall tax-Xatt u ohrajn. Is-Sindku rrefera wkoll li għal-laqgħa ngħaqdet id-Direttur tal-EcoGozo fejn ġie diskuss il-*park* taħt Chambray fejn hija

stqarret li fil-fatt jinħtieġu li jinkludu *family park* fil-pjan tagħhom u li dan għandu jkun il-priorita'. Minn naħa tal-EcoGozo ser issir ukoll applikazzjoni taħt miżura tal-UE għal bini ta' ħitan tas-sejjieħ fl-istess post. Is-Sindku rrefera wkoll li l-EcoGozo kkonfermaw li jistgħu jiffinanzjaw l-ispejjes tal-ġibjun tal-ilma li l-Kunsill jixtieq li jagħmel taħt il-*playing field*.

3.2 Is-Sindku rrefera wkoll li fil-laqgħa ssemma' l-fatt li l-Ministeru għal Għawdex qed jikkonsidra li jieħu l-immaniġġjar tal-latrina tax-Xatt taħt idejh. Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi ġibed l-attenzjoni li jekk isir dan jista jfisser li Għajnsielem FC jitwaqqfilhom il-kuntratt tal-indafa. Is-Sindku rrisponda li l-kuntratt wasal biex jagħlaq u hekk jew hekk jibqa f'idejn il-Kunsill trid tinħareġ offerta ġdida. Is-Sindku rrefera għaż-żjara li huwa kellu f'Tolfa, Ruma fl-okkazzjoni tal-Olimpiadi della Cultura 2017. Huwa rrefera għal din l-esperjenza bħala pożittiva ħafna. Huwa rrefera għal fatt li f'din il-kompetizzjoni jipparteċipaw 300 żagħżugħ mill-Italja kollha u li r-rigal għat-tim rebbieħ ikun kors fil-lingwa ingliża f'Għawdex u mħallas mill-Kunsill Lokali Għajnsielem. Huwa semma' wkoll li waqt xi laqgħat li kellu hemmhekk mas-Sindku Luigi Landi ġiet diskussa Tolfarte 2017 u kif jixtiequ li ntellgħu xi artisti professjonali. Jixtiequ wkoll li l-banda tal-lokal tattendi għall-fest ta' Sant'Eligio. Il-Kunsill wera x-xewqa li jippreferi li l-banda tkun preżenti għal Tolfarte iżda jifdal il-problema tal-akkomodazzjoni f'Tolfa peress li hija limitata ħafna. Is-Sindku semma' wkoll li fil-laqgħat ġiet diskussa s-sħubija tal-Kunsill t'Għajnsielem f'Cittaslow. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Christiano Dionisi dwar aktar informazzjoni u x'inhu meħtieġ biex aħna nissieħbu. Waqt il-laqgħa wkoll saret referenza għall-proġett tax-Xatt l-Aħmar li l-Kunsilli preċedenti kienu bdew xi preparamenti u applikazzjonijiet dwaru. Sar qbil li din il-materja għandha terġa titqajjem fil-laqgħa li jmiss.

## 4.0 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

4.1 Is-Sindku rrefera għat-talba sabiex il-bankijiet li hemm quddiem il-Learning Hub. Jinqalgħu u jiġu ppostjati f'post ieħor fl-istess *area*. Sar qbil li għandna nqabbdu lill-ħaddiema tagħna sabiex iħarrkuhom.

4.2 Il-Kunsillier Larry Buttigieg propona sabiex ma' dawn il-lista ta' xogħolijiet tajjeb li wieħed iżid l-irranġar tat-taraġ magħruf "Tal-Ingliżi" fix-Xatt l-Aħmar u wkoll jinbidel id-*decking* tal-ħadid fl-istess bajja.

4.3 Il-Kunsillier Buttigieg staqsa wkoll dwar kif konna bqajna dwar l-*slipway* tad-dgħajjes.

4.4 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex titressaq talba lil-Heritage Malta jew sabiex jsiru aktar studji sabiex jigu preservati iz-żewġ tempji li hemm f'Għajnsielem fl-inhawi magħrufa bħala Tal-Qigħan u tal-Imrejżbiet. Il-kunsillier Peter Caruana talab ukoll sabiex f'dan ir-rigward inzidu wkoll l-istess talba għat-trunċiera li tinsab wara l-blata l-bajda fiż-Żewwieqa. Is-Sindku semma li s-Sur Raymond Xerri x'aktarx li għandu xi nformazzjoni dwarha.

4.5 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għat-talba li resqu l-Għaqda tal-Armar sabiex jagħmlu xi mwejjed biex jintużaw f'xi attivitajiet ta' *fund raising*. Huma offrew li jagħmluhom huma u l-Kunsill jgħinhom fix-xiri ta' materjal. Il-Kunsill qabel għalhekk li jqabbad lilhom sabiex jagħmluhom u jkunu proprjeta' tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jintużaw mill-NGO's l-ohra kollha. Sar qbil dwar dan u li l-ammont imħallas sabiex isiru dawn l-imwejjed ser ikun ta' madwar €360.

4.6 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-problema ta' skart li qed jinġabar mill-inħawi ta' Fuq il-Għajn permezz ta' karozza żgħira mqabbda mill-kuntrattur innifsu u jintefgħu fi gzuz ħdejn it-tabella informattiva tal-ġbir tal-iskart li hemm ħdejn il-Playing Field. Sar qbil li din it-tabella titneħħa minn dak il-post peress li qed isservi ta' miżbla.

4.7 Il-kunsillier Peter Caruana talab sabiex titwaħħal tabella tal-iskart fi Triq iż-Żewwieqa. Sar qbil li għandna nużaw it-tabella li fil-preżent tinsab ħdejn il-*playing field*.

## 5. Korrispondenza u Rapporti

5.1 Ġiet trattata t-talba mingħand Joseph Gauci biex issirlu bankina fi Triq Xprunara. Sar qbil li għandu jigi kkuntatjat u naraw eżatt x'jinħtieg li jsir.

5.2 Ġiet trattata t-talba mingħand Anthony Cauchi sabiex titneħħa r-*road hump* li hemm fi Triq Hamri u wkoll sabiex jinqala *pole* ta' mera minn fuq il-bankina li jinsab fi Triq Hamri faċċata ta' Triq Fuq il-Għajn. Sar qbil li għandna naraw kif nistgħu nħarrku l-*pole* pero fuq it-*traffic hump* hi ftit deċizjoni diffiċli għax qed ikollna ħafna talbiet ta' *traffic humps* għalhekk ma tantx ikun għaqli li nneħħu dawk li hemm u huma effiċenti.

5.3 Ġiet trattata t-talba sabiex bozza li tinsab imwaħħla ma' dar fi Triq Cordina, tiġi xxiftjata għal fuq arblu li jinsab ma ġenbha. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba.

5.4 Ġiet trattata t-talba mressqa mingħand Frank Galea sabiex teħel il-bozza li nqalgħet fi Triq Simirat peress li twaqqa' il-bini tal-faċċata. Hawnhekk tqajjem il-każ tal-fatt li Noel Grima li kisser il-lampa waqt ix-xogħol ta' twaqqigħ baqa' ma ġiex iħallas tal-ispejjes. Sar qbil li għandna nibgħatulu bil-miktub biex jiġi jħallas l-ispejjes relatati mmedjatament. Sar qbil ukoll li sadanittant teħel bozza ġdida ma' arblu li jinsab faċċata tal-bozza li kien hemm.

5.5 Ġiet trattat il-kont tal-kors tal-Mosaic li Mary Portelli wettqet mal-Għaqda 13 ta' Gunj.. U li dwaru kien hemm ftehim li l-Kunsill ser iħallas l-ispejjes relatati miegħu. Peress li l-kont jammonta fi €360 euro fl-ispejjes tal-kors u wkoll spejjes ohra. Sar qbil li ghandna nhallsu parti minnu sa massimu ta' €300.

## 6. Evalwazzjoni tal-offerta tal-knis

6.1 Is-Segretarja rreferiet għal fatt li l-offerta tal-knis ser tagħlaq u għalhekk jinħtieġ li jinħatar bord biex jevalwa l-offerti mitfugħa. Sar qbil li l-Bord għandu jkun kompost mill-kunsillier Larry Buttigieg bħala Chairman, mis-Segretarja Lucienne Haber bħala Segretarja, mill-Avukat Larry Formosa, Rueben Cassar u Ivan Attard bħala membri.

## 7. Evalwazzjoni tal-istima tal-printed concrete

7.1 Saret referenza għall-quotations tal-Printed Concrete quddiem it-tarag tal-mosaic. Għal din l-offerta intefgħu żewġ sottomissjonijiet mingħand:-

| | |
|---|---|
| Little Rock Quarry Ltd: | €8669.02 |
| Jason Gauci: | €11670 |

7.2 Il-Kunsill qabel li peress li jaqbżu l-budget stmat, ma għandux jikkonsidra dawn it-talbiet.

7.3 Sar qbil li sadanittant għandna nġibu stima ta' *brushed concrete* jew tarmak.

## 8. Approvazzjoni tal-Financial Statement

8.1 Is-Segretarja rreferiet għall-fatt li l-Awditur ma rnexxielux jikkonkludi l-Audited Financial Statements fil-hin minħabba diversi nuqqasijiet li ma provdewlux l-Accountants tal-Kunsill. Is-Segretarja rrimarkat li dan in-nuqqas mhux accettat u peress li kemm il-darba tat *warnings* lill-Accountants dwar diversi nuqqasijiet, wasal iż-żmien li jiġi terminat il-kuntratt tagħhom. Sar qbil li għandna

nikkuntatjaw lill-avukat tal-Kunsill biex jiggwidana kif nistgħu nitterminaw il-kuntratt.

## 9. Ħarġa għall-anzjani fl-okkażżjoni ta' Jum l-Omm

9.1 Sar qbil li fl-okkażżjoni ta' Jum l-Omm għandha tiġi organizzata ħarġa għall-anzjani. Sar qbil li ssir quddiesa f'Ta' Pinu, ikel u tombla fil-Horizon Restaurant.

## 10. Diskussjoni fuq il-proġetti pendenti

10.1 Sar qbil li għandu jinxtara *lawn mower* u l-manutenzjoni tal-Pjazza tinżamm mill-ħaddiema tal-Kunsill.

10.2 Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lill-kuntrattur Joe Grima sabiex ikompli d-dawl tal-funtana. Sar qbil ukoll li għandna nikkuntatjaw lil Rapa Bros biex isewwu d-dawl ta' Fuq l-Għajn. Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għal fatt li l-*sprinklers* qed jitfgħu ħafna ilma bil-pressa lejn it-triq għal ġol-karozzi. Sar qbil li għandna naraw kif nistgħu nirrimedjawh kemm jista jkun malajr.

10.3 Is-Sindku propona wkoll sabiex titbaxxa ftit miċ-ċumnija.

## 11. Tnedija ta' korsijiet

11.1 Ser jinħareġ fuljett bi tnedija ta' korsijiet fosthom dak tal-*computer* għall-anzjani, *keep fit* u *line dancing.*

## 12. Publikazzjoni tal-Fuljett tal-Kunsill

12.1 Sar qbil li għandna nipprovaw li sa laqgħa oħra nlestu draft tal-fuljett u napprovawh għall-istampar.

## 13. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-pagamenti

13.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

## 14. Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

14.1 Il-laqgha ntemet fit-8:00 ta' filghaxija.

## 15.0 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

15.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8:00 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**